



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2016
C(2016) 8422 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 15.12.2016

**dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2017 u d-deċiżjoni ta' finanzjament
għall-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd**

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 15.12.2016

dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2017 u d-deċiżjoni ta' finanzjament għall-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE², u b'mod partikolari l-Artikolu 45(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000³, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/629/KE li tistabilixxi l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 84(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (RAP)⁶, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,

¹ ĠU L 149, 20.05.2014, p. 1.

² ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

³ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1.

⁴ ĠU L 225, 31.8.2005, p. 18.

⁵ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁶ ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, jeħtieġ li tiġi adottata deċiżjoni ta' finanzjament, flimkien mal-programm ta' ħidma għall-2017. L-Artikolu 94 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 jistabbilixxi regoli dettaljati dwar id-deċiżjonijiet ta' finanzjament.
- (2) Jixraq li jiġi awtorizzat l-għoti ta' għotjiet mingħajr sejħa għal proposti lill-korpi identifikati fil-programm ta' ħidma, u għar-raġunijiet ipprovduti fih.
- (3) Skont l-Artikolu 190(1)(d) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 (RAP), l-għotjiet jistgħu jingħataw b'att bażiku mingħajr sejħa għal proposti lill-korpi identifikati, bħala benefiċjarji ta' għotja, skont it-tifsira tal-Artikolu 54 tar-Regolament Finanzjarju. Att bażiku jidentifika l-korpi li ġejjin bħala benefiċjarji ta' għotja: Il-Kunsilli Konsultattivi stabbiliti skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.
- (4) Skont l-Artikoli 190(1)(c) u (f) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE, Euratom) Nru 1268/2012 (RAP), għotjiet jistgħu jingħataw mingħajr sejħa għal proposti lil entitajiet b'monopolju *de jure* jew *de facto*, jew li jkollhom livell għoli ta' speċjalizzazzjoni, jew minħabba s-setgħa amministrattiva tagħhom. Jixraq li jiġi awtorizzat l-għoti ta' għotjiet mingħajr sejħa għal proposti lill-korpi identifikati fl-Anness, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih.
- (5) Din id-Deċiżjoni għandha tippermetti li jkun jista' jsir ħlas ta' mgħax dovut għal ħlas tard, abbażi tal-Artikolu 92 tar-Regolament Finanzjarju, u abbażi tal-Artikolu 111(4) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 (RAP).
- (6) Għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jixraq li t-terminu "bidla sostanzjali" jiġi definit skont it-tifsira tal-Artikolu 94(4) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 (RAP).
- (7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-programm ta' ħidma

Il-programm ta' ħidma annwali għall-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd għall-2017 kif stipulat fl-Anness, huwa adottat.

Il-programm ta' ħidma jikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju għal azzjonijiet iffinanzjati mill-appropriazzjonijiet tal-2017.

Artikolu 2

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni

Il-kontribuzzjoni massima għall-implimentazzjoni tal-programm għall-2017 ġiet iffissata għal EUR 75 608 860, u għandha tiġi ffinanzjata mil-linji li ġejjin tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2017:

- (a) 11 06 61 Politika Marittima Integrata: EUR 38 426 980
- (b) 11 06 62 01 Pariri xjentifiċi: EUR 8 700 000
- (c) 11 06 62 02 Kontroll u infurzar: EUR 8 725 000
- (d) 11 06 62 03 Kontribuzzjonijiet volontarji għal organizzazzjonijiet internazzjonali EUR 7 970 000
- (e) 11 06 62 04 Governanza u komunikazzjoni EUR 7 419 000
- (f) 11 06 62 05 Informazzjoni dwar is-suq EUR 4 367 880

L-appropriazzjonijiet stipulati fl-ewwel paragrafu jistgħu jkopru wkoll l-imgħax li għandu jitħallas fuq ħlasijiet tardivi.

L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni hija soġġetta għad-disponibbiltà tal-appropriazzjonijiet previsti fl-abbozz tal-baġit għall-2017 wara l-adozzjoni tal-baġit għall-2017 mill-awtorità tal-baġit jew previsti fid-dodiċeżimi proviżorji.

Artikolu 3

Il-klawżola dwar il-flessibbiltà

Bidliet akkumulati tal-allokkazzjonijiet għall-azzjonijiet speċifiċi li ma jaqbżux l-20 % tal-kontribuzzjoni massima stabbilita fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni ma għandhomx jitqiesu bħala sostanzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 94(4) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012, meta daww il-bidliet ma jkunux jaffettwaw b'mod sinifikanti n-natura tal-azzjonijiet u l-għan tal-programm ta' ħidma.

Iż-żieda tal-kontribuzzjoni massima għal kull linja baġitarja fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni ma għandhiex taqbeż l-20 %.

L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista' jadotta l-bidliet imsemmija fl-ewwel paragrafu skont il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja soda u tal-proporzjonalità

Artikolu 4

L-għotjiet

L-għotjiet jistgħu jingħataw mingħajr sejħa għal propositi lill-korpi identifikati fl-Anness, skont il-kundizzjonijiet speċifikati fih.

Magħmula fi Brussell, 15.12.2016

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni